# Skond il-Ligi!

*Ta'* Ġino Muscat-Azzopardi

MARI' kienet bdiet titħasseb ġmielha; id-dlam kien beda jraxxax u Pawlu tagħha għadu ma ġiex. Bdiet taħseb kemm isuqu straxxnat il-karrozzi tan-nar ta' l-Ingliżi, fil-għajdut fuq nies imgħammda jiġġerrew mat-toroq, kemm bhejjem sfrattati hawn fl-idejn din il-ħabta... x'sata' ġara? Pawlu tagħha qatt ma kien jiddawwar hekk... il-għaġin għoddu sar bażina.

Pawlu fl-aħħar wasal; b'geddum sa l-art, b'għajnejh mitlufa, b'nifsu x'aktarx tqil, b'xofftu ta' isfel bejn snienu...

—X'inqala' Pawl? Ħsibtu ġralek xi ħaġa!

Iżda Pawlu ma weġibx.

—X'għandek, x'waħdadin? — staqsiet Marì hija u ssaffi l-għaġin. — X'wiċċ imqarras... jaqaw rajt lil ommok?

U Pawlu, bħal wieħed li jkun ilu jiġbor ħafna ġewwa fih **u fl-aħħar jinfaqa'** f'daqqa, wieġeb b'nifs wieħed:

—Kontx għidtlek li begħt dak il-ħabel kaboċċi lil Salvu ta' Lezja? Il-lum ċaħad il-ftehim għax qal li huwa pastard kien xtara u mhux kaboċċi...

—U s-Santa Marija x'irġulija!

—U x'irġulija, irġulija... raġel jien, għax, qligħ u telf, inżomm kelmti wkoll jekk naf li mmur nitlob bieb bieb.

—Dak għal ġiebna kien l-Awstralja...

—Iżda miegħi ma jilgħabx! — issokta Pawlu kollu mdaħdaħ. — Miegħi ma jiċċajtax; għada stess immur għand l-avukat u nċappaslu ċitazzjoni... miegħi ma jiċċajtax.

—U iva, taf x'hemm tajjeb?—qalet Marì tfittex li tberred lil Pawlu tagħha — Taf x'hemm tajjeb? Li l-kaboċċi qiegħda ġġib daqs il-pastard.

—Mhix dik il-kistjoni... il-kistjoni jekk kienx hemm ftehim jew le.

—Għax il-Qorti, Pawl, jien dejjem bżajt minnha.

—U jien inħobbha? Jien inħobbha? Allura nħalli ħalliel bħal dak, min jaf x'għamel l-Awstralja, jiskapriċċani? Jekk naf li nonfoq kulma għandi... nċappashielu...

U hekk kien!

Il-għada, mat-tmienja, Pawlu, bil-qalziet u s-sidrija tas-sarġ li tejjeġ bihom, bil-ġlekk mitni fuq driegħu tax-xellug u bil-qorq ta' nhar ta' Ħadd, kien qiegħed idur mal-kurituri tal-Qorti, jistaqsi għall-Avukat Barbara, li, kif kien għarrfu s-Surġent tar-raħal, kien żiemel minn l-aqwa u jaf x'igħid għal mewt sobtu. U staqsi minn hawn u tkixxef minn hemm, fl-aħħar irnexxielu jsibu u dlonk tarraflu kif kienet sewwa l-*kistjoni*.

—Isma', Pawl... — qallu l-Avukat huwa u jneħħi n-nuċċali sabiex iserraħ ftit għajnejh — Jiena jidhirli li skond il-liġi inti għandek tirbaħha bl-ispejjeż kollha, iżda, biex inkun aktar żgur, ħalli nara ftit xi tgħid il-liġi sewwa...

L-Avukat Barbara ressaq lejh wieħed mill-kotba li kien hemm fuq il-mejda, waħħal in-nuċċali fuq imnieħru, fetaħ il-ktieb, beda jqalleb 'l hemm u 'l hawn, jaqra f'qalbu, jagħlaq għajnejh u jwaddab rasu lura bħal wieħed li qiegħed jixtarr dak li qara, jarġa' jqalleb ftit paġni oħra, jarġa' jaqra f'qalbu u fl-aħħar għalaq il-ktieb għal kollox, ressqu 'l bogħod minnu, taptap taptipa ħafifa fuq dahar Pawlu u tennielu:

—Skond il-liġi għandek tirbaħha bl-ispejjeż...... mur lejn darek u ħalli l-bqija għalija...

—U bil-kaboċċi x'nagħmel? Inħallihom jissebblulu?

—Nossinjore! Aħsadhom, bigħhom bl-aħjar prezz li tista' ġġib u niddepożitawlu flushom il-Qorti.

—Tajjeb wisq. Isma' int ma għandekx bżonn xi xkora għad-dar, hux, sur Avukat?

—Le, grazzi, Pawl... l-ewwelnett lili l-kaboċċi jagħmluli bħal gass u t-tieni, dawk il-kaboċċi, skond il-liġi mhumiex tiegħek, iżda ta' Salvu Zammit.

—Orkaj!

U la qallu *orkaj* Pawlu ma kellux fejn jasal aktar; urieh kemm jaf iġib ruħu quddiem il-puliti u li, huwa wkoll, jaf jitkellem bħas-sinjuri.

Anqas laħaq feġġ fuq il-għatba li, kollu daħkan, ma qalx lil Marì tiegħu:

—Rajtx jekk għandix raġun? Sejjer nirbaħhielu bl-ispejjeż u b'kollox...

—Hekk qallek l-Avukat? — staqsietu martu kollha ħrara.

—Mhux l-Avukat... il-Liġi... il-Liġi fiha nnifisha! Sibnieha fil-Liġi flimkien... bl-ispejjeż b'kollox...

—Iżda, Pawl... — reġgħet bdiet Marì minn taħt l-ilsien.— Ngħid jiena fil-Liġi pissibbli hemm imsemmija l-pastard u l-kabocci?

—Iva, kemm bqajt lura Marì? Qiegħed ngħidlek li rajtha jien stess, u l-Avukat, biex ikun aktar żgur, xedd il-kaless f'għajnejh...

Imma Marì, bħan-nisa kollha, donnha kienet għadha ma tistax temmen għal kollox.

—Għax, nagħmilha tal-belha, Pawl... — issoktat tgħidlu— issa Salvu ta' Lezja ma jmurx għand xi avukat ieħor u jagħtih raġun ukoll?

—Imbilli? Iżda l-avukat li jsib mhux żiemel bħal tagħna... imbagħad m'hemmx l-Imħallef? Dak iħoll u jorbot...

Għadda xahar. Marì qatt aktar ma kellmet lil żewġha fuq il-ħabel tal-kabocci; kienet bdiet taħseb li la l-affari twalet u ma sar xejn, x'aktarx li l-biċċa tmut fuq ommha, x'ħin darba, wara nofs in-nhar, waqt li Pawlu kien mar jaqta' ftit qaqoċċ. żagħżugħ, liebes l-iswed, bil-buttuni lewn il-fidda, niżel minn fuq ir-rota u ta lil Marì karta bajda x'aktarx twila.

—Din għalfejn, ħi? Jaqaw biex immorru ninkitbu għall-patata taż-żrigħ?

—Le! — wieġeb iż-żagħżugħ. — Intom ma kontux ħarriktu lil ċertu Salvu Zammit fuq xi kabocci? Dik ċitazzjoni... Il-kumparsa għal bħal-lum tmint ijiem. Tinsiex tagħtiha li żewġek, jekk jogħġbok...

—X'jiġifieri?! — u Marì baqgħet fuq il-għatba bil-karta f'idejha, moħbija wara daharha, tara jekk xi ħadd mill-ġirien kienx ra lil dak ta' l-uniformi jkellimha.

It-tmint ijiem għaddew bħal ħolma u Pawlu, bil-qalziet u s-sidrija tas-sarġ li tejjeġ bihom, bil-ġlekk mitni fuq drieghu tax-xellug u bil-qorq ta' nhar ta' Ħadd, raġa' telaqha għall-Qorti.

Dak in-nhar Marì ma setgħetx tagħmel waħda dritta. Jekk tmur tgħassed lit-tiġieġ tifqa' n-nuħħala għaliex tinsa l-ilma nieżel... jekk tmur tagħlef lin-nagħġa tinsa tieħu magħha ż-żerriegħa tal-qoton... jekk tmur idduq il-borma flok twaddab bżar u melħ, twaddab darbtejn bżar u tinsa l-melħ... moħħha ma kienx id-dar, ma kienx hemm, ma kienx fli qiegħda tagħmel, iżda 'l bogħod, fil-bogħod... fil-belt... fil-Qorti... Għad li hija

qatt ma kienet daħlet ġewwa l-Qorti, quddiemha bdiet tara torġien sħaħ ta' rħam abjad li donnhom qatt ma jispiċċaw, għorof daqs il-ħabel tal-kabocċi, mimlija twieqi kbar u għolja, u siġġijiet tal-bellus aħmar, u mwejjed tal-kawba kull waħda daqs baħar, u kotba tal-Liġi miftuħa 'l hemm u 'l hawn, u avukati deħlin u ħerġin bil-karti f'idejhom u pjantuni kull fejn iddawwar wiċċek, u fuq speċi ta' pulptu, bħal dak li tara fil-knejjes, raġel xiħ, liebes l-iswed minn fuq s'isfel, b'leħja twila bajda qoton, b'miżien f'idu l-leminija u l-Liġi fix-xellugija: l-Imħallef.

U f'nofs dan il-kobor kollu, dan il-għajat, l-ippillar u t-tmasħin ta' l-avukati, fost dik il-geġwiġija kollha bdiet tara lil Pawlu... lill-maħbub Pawlu tagħha. Marì xtieqet minn qalbha li żewġha ma jidħolx il-Qorti, iżda, la daħal, issa minn qiegħ qalbha kienet tixtieq li joħroġ rebbieħ, jekk mhux għal ħaġa oħra sabiex Żeża ta' quddiemha, tieħu t-tweġiba li jistħoqqilha.

U kienet għadha qiegħda toħlom b'għajnejha miftuħa x'ħin Pawlu tagħha, aħmar daqs skorfna, b'idejh iferfru fl-ajru u, bħat-tfal, igħolli l-berritta mas-saqaf tal-għorfa, beda jgħajjat kemm kellu saħħa u ħila: Tara kemm ħareġ ta' raġel? Tara kellix raġun?

—Irbaħnieha? staqsiet Marì kif ratu.

—Irbaħtha jiena għax kieku smajt minnek kont inħallih jiskapriċċani ħalliel bħal dak, min jaf x'għamel l-Awstralja....

—Għidli... għidli Pawl... x'sar allura? — staqsiet Marì trid ittir bil-ferħ aktar minn żewġha.

—Dak avukat, Marì! Trid tara kif ċekken lil dak il-fellus imxarrab ta' avukat li kellu Salvu...

—U Salvu x'qal? X'qal bilħaqq?...

—Xi tridu jgħid? Tilifha bl-ispejjeż dak li qal; mela ħaseb li billi mar l-Awstralja...

—Allura l-flus tal-kabocċi tahomlok?

—Mela din ftira? L-Avukat qalli biex narah xi erbat ijiem oħra ħalli jgħaddi ż-żmien ta' l-appell.

— Ta' l-appell kif, Pawl?

—Ma nafx... ma fhimtux sewwa... qal li jista' jippilla quddiem tliet Imħallfin...

—Kif allura l-kumparsa għadha ma spiċċatx għal kollox?

—Mela le?... Jippilla ħej! Irid jippilla. . bħallikieku Malta mhux liġi waħda hawn?! La l-liġi tatni raġun, jiġifieri li għandi

raġun... Imħallef wieħed, u tnejn, u tlieta xorta waħda... la l-liġi hija waħda, kif irbaħtha l-lum nirbaħha dejjem... ara, kemm jien ħmar... insejt nistaqsi fejn joqgħod is-sur Imħallef biex fi żmien il-ħawħ nibgħatlu bixkilla kif naf jiena...

—U, ngħid jiena... — issoktat Marì — Dan tal-lum mhux Imħallef daqs it-tlieta l-oħra? X'irid jippilla?

—Isma' x'qaltlek! Dak kull ma qiegħed jagħmel biex itawwal iż-żmien. Marì, taħsebx li s-sur Imħallef qagħad fuq li qal l-avukat tiegħi hux? Mela ħej... Ha l-Liġi f'idejh, qraha, raġa' qraha mbagħad qata' l-kistjoni.

—U t-tlieta l-oħra mhux fuq l-istess ktieb iridu jaqtgħuha?

—Dan żgur! Hawn Malta liġi waħda hawn... u la skond il-liġi rbaħtha bl-ispejjeż, nerġa' nirbaħha bl-ispejjeż... mhux hekk Marì?

Iżda ma kienx hekk: iż-żmien wera li tliet Imħallfin jistgħu ma jkunux jaqblu ma' Imħallef ieħor. Pawlu, fl-appell, tilef il-kawża bl-ispejjeż.

—Iżda, kif? Kif? Kif jista' jkun? Ta' bilfors qabdu xi ktieb b'ieħor — kien qiegħed igħid Pawlu lis-Surġent tar-raħal.

—Le, ruħi, Pawl — qallu s-Surġent. — Dak ma għandux x'jaqsam; wieħed ikun jifhemha mod u l-ieħor ikun jifhemha xort'oħra. Mitt bniedem mitt fehma...

—U x'inti tgħid u tgeżwer? Mela mal-Liġi tista' toqgħod tilgħab hekk? Mela kulħadd kif jifhem huwa? Imħallef rebbaħhieli, ieħor itellifhieli, wieħed minnhom bilfors li żbalja...

—Iżda dak li jgħidu t-tlieta ta' l-appell huwa li jiswa... dak il-ħaqq.

—Allura lill-ieħor la ma jafx jagħmel il-ħaqq għax ma jagħtuhx il-pjazza?

—Le, Pawl, huwa l-ieħor għamel il-ħaqq ukoll...

—Jiena din ma nistax nifhimha... Kif tgħidli li għamlu l-ħaqq it-tnejn? Allura jiena ma nistax nerġa' nippilla quddiem ħames Imħallfin? Forsi dawn jerġgħu jifhmuha xort'oħra u jrebbħuhieli?...

—Imbagħad ma nispiċċaw qatt. Int lill-Avukat tiegħek arġajt rajtu?

—Għandi narah għada...

U l-għada Pawlu reġa' mar għand l-Akuvat Barbara u reġa' beda jrid ifiehmu li ma jistax ikun li Mħallef fuq liġi jgħid mod u Mħallef ieħor fuq l-istess liġi jgħid xort'oħra.

—Iva, agħmilli pjaċir, arġa' sib fil-ktieb fejn sibt dak in-nhar u fissirli sewwa x'hemm miktub fuq il-pastard u l-kaboċċi...

—Pawl, jaħasra, dak ma għandu x'jaqsam xejn, inti ma tifhemx... — qallu l-Avukat huwa u jneħħi n-nuċċali sabiex iserraħ ftit għajnejh — ...ara jekk tmur il-"Privy Council", jiena ngħid li terġa' tirbaħha bl-ispejjeż...

—Immur imqar fl-aħħar tad-dinja... dan fejn jaħbat? Il-Qorti l-imġarrfa jew dik ta' quddiem il-Posta ta' l-ittri?

—Il-"Privy Council" jiġifieri l-Ingilterra...

—L-Ingilterra?... U ħallina sur Avukat... aħna tkellimna bil-Malti u ma qbilniex aħseb u ara kemm sejrin niftiehmu bl-Ingliż...

Insejna ngħidu fil-bidu li dan Pawlu Xuereb kien minn l-Imtaħleb u kienu jgħidulu "Ta' Rasqara'."